# MALTA MISSJUNARJA – IT-3 PARTI

### Inkomplu naqraw mill-imgħoddi

Malta Missjunarja (1937-41): F'Ottubru tal-1938 kien ħareġ għadd speċjali fl-okkażjoni tal-XXXV Kungress Ewkaristiku Djoċesan Malti, sollennement inawgurat minn Mons. Gonzi bħala delegat tal-kungress waqt funzjoni li saret fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt. Fih insibu 'Sol Novus' (p.11), poeżija ta' Ġorġ Pisani (1909-1999), miktuba f'Għawdex, u 'Tliet Saltniet' (p.25) ta' Karmenu Vassallo (1913-1987), datata 8 ta' Settembru, li huwa kiteb fis-Siġġiewi, raħal twelidu, b'tifkira t'għeluq il-25 Sena tal-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali tal-1913. Poeżija oħra hija dik tas-Seminarista V.D. Ciappara[1]: 'Ġesù u Malta' (p.32-33), bi 13-il strofa endekasillaba u rima abċb. Tal-istess awtur insibu oħrajn ukoll: 'Għalkemm Minsija' (fuq il-missjunarji mejtin) (Sena VI, Ott. 1938, nru 10, p.236-7) u 'Il-Milied' (Sena VI, Diċ. 1938, nru 12, p.259), b'disa' strofi settenarji u rima abbċ. (Fil-MM ta' Ġun. 1939 Sena VII, nru 6, p.136-7, 142-3, 147-150, 159, 162, kienu dehru għadd t'artikli u ritratti b'rabta ma' dan il-kungress nazzjonali li kien sar f'April.)




Matul l-1939 dehru diversi poeżiji f'għaddijiet differenti: 'Il-Quddiesa' (Sena VII, Jan. 1939, nru 1, p.9) b'sitt strofi ottonarji bir-rima aabb u distiku

[1]Il-Kanonku Teologu Dun Vinċenz Ciappara (1917-1991) ordna saċerdot fl-1943 u nħatar ċerimonjier u segretarju tal-Kapitlu Elenjan. Kien Kantur għal 46 sena sħaħ. Ħadem fi ħdan l-A.K. bħala Ass. Ekkl. Wara li rtira minn għalliem fil-Liċeo għamel xi żmien jieħu ħsieb il-knisja l-qadima ta' Birkirkara. Skont Paul Saliba, kellu kelma faċli, għarfa u sempliċi fl-istess ħin. (Taw Ġieħ lil Arthom (2011), p.100-1).






irrimat, u 'Il-Missjunarju' (Sena VII, Frar 1939, nru 2, p.47) bi tmien strofi ottonarji bl-istess rima u distiku aħħari, it-tnejn ta' Dun Angelo Copperstone (1888-1960), awtur prolifiku u poeta Senglean; 'Piju XI' (p.90), sunett Taljan, u 'Piju XII' (p.105) ta' Vodoca (psewdonimu) (Sena VII, Apr. 1939, nru 4: Għadd speċjali b'tifkira tal-elezzjoni tal-Papa Piju XII); 'Il-Magħżul' (Sena VII, Mej. 1939, nru 5, p.121) b'seba' strofi ottonarji u rima aabb ta' P.G. Portelli S.J.; 'Lil Marija' (f'jum it-twelid tagħha) (Sena VII, Sett. 1939, nru 9, p.225) b'disa' strofi kwaternarji ta' tmint ivrus-il waħda, bir-raba' u t-tmien wieħed jirrimaw, ukoll ta' Vodoca; 'B'Tifchira ta' Mons. Gius. Dec. De Piro' (Sena VII, Sett. 1939, nru 9, p.226-7), kitba bil-Malti qadim ta' Fra Giunepero, fl-okkażjoni t'għeluq is-sitt snin mill-mewt ta' dan l-appostlu tal-missjoni; 'Tifkira f'Għeluq is-Sitt Anniversarju mill-Mewt ta' Monsinjur Ġużeppi dei Marchesi de Piro' (Sena VII, Ott. 1939, nru 10, p.256-8), taħdita biografica-letteraria bir-Rediffusion mis-Sur Romeo L. Psayla, li fl-1938 kien responsabbli mill-organizzazzjoni tal-Konkors tal-Poeżija mniedi mid-ditta The Imperial Trading Co.; 'Lil Ġesù Bambin' (Sena VII, Diċ. 1939, nru 12, p.289) ta' Vodoca b'seba' strofi ottonarji ta' sitt ivrus-il waħda u rima aabċċb; 'Il-Milied' (Sena VII, Diċ. 1939, nru 12, p.297) ta' F.C. b'ħames strofi dekasillabi u rima alternata.

L-ewwel żewġ xogħlijiet mill-pinna ta' Dun Anton Xiberras (DAX) (1922-2006) taħt il-psewdonimu ta' 'Sciant' kienu żewġ rakkonti: 'Kalb ta' Tfajjel' (Sena VII, Ġun. 1941, nru 6, p.155) u 'Demm ta' Martri' (Sena VIII, Ġun. 1941, nru 6, p.135-6). Fl-istess sena dehret 'Il-Missjunarju Sejjer' (Sena VIII, Lul.-Aww. 1940, nri 7-8, p.155), poeżija b'ħames strofi dekasillabi (jew kwinarji doppji) li huwa kiteb fin-Naxxar. Rakkont ieħor ta' 'Sciant', 'Il-Bojja ta' Missieri' deher fil-ħarġa t'Ott. 1940, Sena VIII, nru 10, p. 201-2 u 204. Fl-istess ħarġa dehret l-ewwel novella tiegħu miktuba bil-Malti qadim 'Min Int ja Sidi?' (p.258-9). Poeżija oħra ġġib l-isem ta' 'Soru' (Sena IX, Jan. 1941, nru 1, p.7), maħduma wkoll in-Naxxar, b'erba' strofi endekasillabi. Ir-rakkont 'Qalb tal-Alaska' (Sena IX, Mar.-Apr. 1941, nri 3-4, p.63-4) deher taħt l-istess psewdonimu. ■